MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 915/2003

**John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi**

**vs**

**Carmelo Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-9 ta' Settembru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettew illi;

Fl-24 ta' Lulju, 2001 waqt li l-atturi Mary Rose u Amanda Mizzi kienu ghaddejjin bil-vettura numru ta' registrazzjoni JAL 718 li hi proprjeta' tal-atturi John u Mary Rose konjugi Mizzi, fi Triq Sant'Andrija, Naxxar, Madliena, huma kienu nvoluti f'incident stradali meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni KBA-565 u li kien gej

mid-direzzjoni opposta, qasam il-linji bojod kontinwi u habat fil-vettura taghhom li kienet misjuqa minn Amanda Mizzi u baqa' sejjer, u dan skond ma' jirrizulta mir-*'road accident report'* u l-iskizz li qed jigu annessi u markati bhala Dok. A.

Minbarra l-hsarat li gew kagunati fil-vettura numru ta' registrazzjoni
JAL 718, l-istess Mary Rose Mizzi u bintha Amanda sofrew danni ingenti fuq il-persuna taghhom b'rizultat ta' dan l-incident, kif jirrizulta ahjar miz-zewg rapporti medici hawn annessi u markati *"Dok B"* u *"Dok C"*.

Dan l-incident stradali sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperitia u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* tal-konvenut, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofrew l-atturi izda baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali li fih sfaw korruti l-atturi Mary Rose u bintha Amanda Mizzi fl-24 ta' Lulju, 2001.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba dan l-incident u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Settembru, 2001 u tal-4 ta' Settembru, 2003, kif ukoll tal-ittra ufficcjali li qed tigi pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi;

Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, baqa' ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 10 ta' Mejju, 2004, li in forza tieghu talab li jkun awtorizzat jipprezenta in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju, 2004, li in forza taghha cahdet din it-talba tal-konvenut u qieset li l-konvenut baqa' kantumaci;

Semghet il-provi tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensur tal-attur.

Rat in-nota tal-Osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ghar-rigward tal-meritu tal-incident awtomobilistiku *in kwistjoni*, mill-provi jirrizulta, fil-fehma tal-Qorti, li r-responsabbilita' tal-incident ghandha tkun tal-konvenut u tieghu biss. L-atturi Amanda u Mary Rose Mizzi kienu qed isuqu l-karozza taghhom numru JAL 718 fi triq Sant'Andrija, Madliena, u kienu qed isuqu bi *speed* baxx u fuq in-naha taghhom tat-triq; il-hin kien ghal-habta tal-10.30pm. F'daqqa wahda, tfaccat vettura mill-faccata, li kienet qed isuq bi *speed "sfrenat"*, u sserrep u taqsam il-linji bojod kontinwi li hemm fl-istess triq. L-attrici Amanda Mizzi, li kienet qed isuq il-karozza, iddiskriviet l-incident b'dan il-mod:

*"Dak il-hin quddiemi kien hemm taxi u hekk kif din il-vettura li kompliet isserrep avvicinat il-vettura tieghi, regghet qabzet id-double white lines u giet fuq il-karreggjata tieghi, ghaddiet ezatt minn mat-taxi li ntlaqtet*

*sbrixx, xaqilbet ftit lejn il-linji bojod kontinwi u wara regghet biddlet id-direzzjoni lejja u baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tal-lemin tal-vettura misjuqa minni. Bl-impatt il-vettura tieghi baqghet marret fid-direzzjoni tac-cint baxx li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tieghi u kien biss peress li kont qed insuq bil-mod li l-karozza tieghi ma nqalbitx mic-cint ghal isfel"*.

Il-konvenut baqa' sejjer wara l-incident, izda xi nies li waqfu jaghtu l-ewwel ghajnuna, qalulhom li raw lill-konvenut u hadulu n-numru tal-karozza tieghu, li kien KBA-565. Dawk il-persuni cemplu lill-Pulizija li gew fuq il-post u sabu lill-konvenut ipparkjat gol-*car-park* ta' hdejn lis-*"Splash and Fun"*. Il-konvenut, ghal-ewwel, ma riedx jammetti li kien hu li habat mal-vettura tal-atturi, izda wara investigazzjonijiet ulterjuri, huwa ammetta mal-Pulizija li kien hu, u qalilhom li kien xorob tlett flixken birra u peress li kellu problemi personali, ma kienx qed ihossu tajjeb.

Il-Qorti tista' tissimpatizza mal-konvenut jekk kellu *"problemi personali"*, *pero'*, minn ikollu dawn it-tip ta' problemi m'ghandux la jinfex fix-xorb u, wisq aktar, m'ghandu ipoggi hajjet il-pubbliku fil-periklu. L-incident seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji li ma kienx ghal-mod prudenti kif l-attrici Amanda Mizzi kienet qed isuq il-karozza taghha. Min ma jkunx qed ihossu tajjeb m'ghandux isuq; karozza hija arma perikoluza f'idejn anke persuna f'kundizzjoni tajba, ahseb u ara meta dik il-persuna ma tkunx qed thossha f'sikkitha. Jirrizulta allura li l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu numru KBA-565, ma kienx f'kundizzjoni li jsuq vettura, b'rizultat li kien qed isserep kontinwament fit-triq, u l-incident sehh meta qabez id-*double white lines* ta' nofs it-triq, invada l-karreggjata tal-atturi u habat ma' u ghamel hsara lill-karozza tal-atturi.

*Kwindi*, l-Qorti tqies lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident.

Bhala danni, l-atturi qed jirreklamaw kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* fil-kuntest tal-atturi Mary Rose u Amanda Mizzi.

Bhala *damnum emergens*, dawn jinkludu Lm220 mhallsa mill-attur ghal-hsara li garbet il-vettura tieghu, Lm200 mhallsa lill-Mr. Charles Grixti ghal-ezami klinici tieghu u ghar-rapporti, u Lm50 mhallsa ghal-visiti li sarulhom mit-tabib Flores-Martin u xiri ta' medicinali. Hlief ghas-somma ta' Lm50, l-ispejjez l-ohra huma koroborati b'ircevuti; il-hlas l-iehor reklamat ta' Lm50, ghalkemm mhux munit b'ircevuti, huwa ragjonevoli u gustifikat. *Kwindi*, it-total dovut bhala *damnum emergens* huwa ta' Lm470.

L-atturi Amanda u Mary Rose Mizzi qed jitolbu wkoll kumpens ghal-*lucrum cessans*, peress li jirrizulta li dawn it-tnejn qed isofri minn dizabilita' permanenti. Skond Mr. Charles Griscti, l-attrici Amanda Mizzi qed isofri minn dizabilita' permanenti ta' 10%, waqt li ommha Mary Rose Mizzi qed isofri dizabilita' permanenti ta' 6%. Dawn il-percentaggi gew ikkonfermati mill-istess konsulent mediku, u ma ngibiet ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha titfa' xi dubju fuq il-kalkolu tieghu, mehud kont in-natura tal-griehi li sofrew l-atturi b'rizultat tal-incident.

Jinghad, li avvolja l-attrici Mary Rose Mizzi hija mara tad-dar, hi ghandha dritt ghal-kumpens *lucrum cessans*, u x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux anqas mill-paga minima nazzjonali – ara <u>"Borg vs Zammit"</u>, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1999, u <u>"Farrugia vs Mamo"</u>, deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2002. Ghalhekk, l-introjtu tal-attrici Mary Rose Mizzi ghall-finijiet ta' komputazzjoni tad-danni qed jigi kkalkulat fuq paga minima nazzjonali medja ta' Lm60 fil-gimgha, meta wiehed jikkunsidra l-awmenti li generalment ikun hemm fil-futur.

Dwar Amanda Mizzi, din kienet tahdem bhala *Clerk B* mal-Borza ta' Malta, fejn ghada tahdem sal-lum. Il-qliegh taghha kien ta' madwar Lm5,250, izda, meta wiehed jiehu *in konsiderazzjoni* z-zidiet ghall-inflazzjoni u ziediet ohra, sejjer jigi ndikat fl-ammont ta' Lm6,000 fis-sena.

Ghandu jinghad li, f'kull kaz, mill-ammont ta' *income* indikat, m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet

minhabba l-*Income Tax* (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

Ghar-rigward tal-*multiplier*, jirrizulta li Mary Rose Mizzi kellha 53 sena fid-data tal-incident, waqt li bintha Amanda kellha 20 sena. Kif ghalmet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Caruana vs Camilleri", deciza dan l-ahhar fis-27 ta' Frar, 2004, fil-kalkolu tal-*multiplier* wiehed ghandu dejjem jaghti qies lill-kontingenzi tal-hajja futura, u *kwindi* l-*multiplier* m'ghandu qatt ikun li jwassal lill-vittma sal-eta' tal-irtirar; f'dik il-kawza, fil-fatt, ghal-persuna li kellha 30 sena meta sehh l-incident, l-Onorabbli Qorti adattat *multiplier* ta' 25. Dan il-hsieb kien gie indikat ukoll mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Agius", deciza fis-26 ta' Lulju, 1991, fejn jinghad hekk fuq kif ghandha tigi kkalkulata l-figura tal-*multiplier*:

*"Fi kliem iehor, is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja, jittiehed numru ta' 'years purchase' li hu l-multiplier u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma"*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, *pero'*, mehud kont tal-fatt li x-xoghol ta' mara tad-dar ma tirtira qatt minnu, din il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' 5 ghall-attrici Mary Rose Mizzi, u *multiplier* ta' 36 ghal-attrici Amanda Mizzi.

B'hekk, il-kumpens dovut lill-Mary Rose Mizzi jinhadem hekk:

Lm60x52x5x6%=Lm936

Fil-waqt li l-kumpens dovut lill-Amanda Mizzi jinhadem hekk:

Lm6000x36x10%=Lm21,600

Peress li dan l-incident sehh fl-2001, il-Qorti sejra tirriduci l-ammonti dovuti b’18% minhabba *lump sum payment*. B’hekk, il-kumpens dovut lill-Mary Rose Mizzi jinzel ghal-Lm768, u dak dovut lill-Amanda Mizzi jinzel ghal-Lm17,712.

Il-kumpens totali dovut lill-atturi huwa ghalhekk ta’ Lm18,950 (Lm470+Lm768+Lm17,712).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-24 ta’ Lulju, 2001, li fih l-atturi sofrew danni, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *in linea* ta’ danni s-somma ta’ Lm18,950 (tmintax il-elf, disa’ mija u hamsin lira Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------